

31986R2429

1.8.1986

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 210/39

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2429/86

tal-31 ta' Lulju 1986

dwar il-proċedura biex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' laħam fil-preparazzjonijiet u priżervi ta' laħam li jaqgħu taħt is-subtitoli ex 16.02 B III b) 1) tan-nomenklatura misjuba fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2184/86

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariff Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2055/84 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi huma b'żonjuzi dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi man-nomenklatura misjuba fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2184/86 tal-11 ta' Lulju 1986 li tiffissa r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella ⁽³⁾, bil-għan li ssir il-klassifikazzjoni ta' preparazzjonijiet u priżervi li fihom laħam tal-bovini (minbarra l-interjuri u x-xaħam);

Billi, skond is-subtitoli 16.02 B III b) ex 1) ex aa) (11), (22), (33), (44), u 16.02 B III b) ex 1) ex bb) (11), (22), (33), (44) u (55) tan-nomenklatura misjuba fl-Anness ta' Regolament (KEE) Nru 2184/86, preparazzjonijiet u priżervi li fihom laħam tal-bovini huma kklassifikati skond il-persentaġġ bl-użin ta' laħam (minbarra l-interjuri u x-xaħam);

Billi hu neċessarju li tiġi ddefinita proċedura għad-determinazzjoni tal-perċentwali bl-użin ta' laħam (minbarra l-interjuri u x-xaħam);

Billi, b'riżultat ta' studji magħmul, il-proċedura mfassla fl-Anness għal dan ir-Regolament tippovdi l-aqwa protezzjoni;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Lulju 1986.

Billi, minħabba li d-dispożizzjonijiet maħsuba mħumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, taħt il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 97/69;

Billi tliet xhur wara li l-proposta ġiet sottomessa lilu, il-Kunsill ma aġixxiex u għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni tadotta d-dispożizzjonijiet proposti taħt il-proċedura msemmija qabel fir-Regolament (KEE) Nru 97/69,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-perċentwali bl-użin ta' laħam fil-preparazzjonijiet u priżervi li fihom laħam tal-bovini (minbarra l-interjuri u x-xaħam) li jaqgħu taħt is-subtitoli 16.02 B III b) ex 1) ex aa) (11), (22), (33), (44), u 16.02 B III b) ex 1) ex bb) (11), (22), (33), (44) u (55) tan-nomenklatura misjuba fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2184/86 jiġu ddeterminati skond il-proċedura deskritta fl-Anness ta' hawnhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi President

⁽¹⁾ ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 191, tad-19.7.1984, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 190, tat-12.7.1986, p. 19.

ANNEX

PROCĊEDURA TA' ANALIŻI

Għall-iskopjiet ta' dan l-Anness, il-kelma "laħam" la tkopri interjuri u lanqas xaħam (inkluż xaħam li joħroġ mill-laħam innifsu), lanqas għadam.

Il-perċentwali, bl-użin, ta' laħam jiġi ddeterminat skond il-proċedura li ġejja:

1. **Metodi ta' analiżi**

- 1.1. Analiżi trid issir fuq kampjuni omoġenji u rappreżentattivi tal-preparazzjoni jew priżervi tal-laħam.
- 1.2. Il-metodi ta' analiżi li għandhom jintużaw huma kif ġej:
- 1.2.1. Nitroġenu: determinazzjoni tal-kontenut tan-nitroġenu fil-laħam u fil-prodotti bbażati fuq il-laħam - ISO 937: 1978.
- 1.2.2. Umdità: id-determinazzjoni tal-kontenut ta' umdità fil-laħam u fil-prodotti bbażati bil-laħam - ISO 1442: 1973.
- 1.2.3. Xaħam: id-determinazzjoni tal-kontenut totali tax-xaħam fil-laħam u fil-prodotti bbażati fuq il-laħam - ISO 1443: 1973.
- 1.2.4. Irmied: id-determinazzjoni tal-kontenut ta' irmied fil-laħam u fil-prodotti bbażati fuq il-laħam - ISO 936: 1978.
- 1.3. Ir-rekwiżiti ta' l-istandards ta' l-ISO msemmija hawn fuq li jikkonċernaw il-proċedura ta' żamma ta' kampjuni mhumiex mandatorji għall-iskopjiet ta' dan ir-Regolament.

2. **Kalkolu tal-kontenut ta' laħam**

Il-kontenut ta' laħam fil-laħam jiġi kkalkulat permezz tal-formola li ġejja:

$$M = \frac{NT - N_x}{3,55} \times 100$$

bbażat fuq il-laħam

NT = Fejn NT hija n-nitroġenu totali kif iddeterminat bl-analiżi (%)

N_x = hija n-nitroġenu ta' oriġini estranea (%)

Il-kontenut ta' nitroġenu totali għandu jiġi ddeterminat permezz ta' metodu rreferut għalih fil-punt 1.2.1. Aktar minn hekk, id-determinazzjoni kwantitattiva ta' l-umdità (1.2.2), xaħam (1.2.3) u rmied (1.2.4) tgħin biex il-kontenut ta' l-ingredjenti l-oħra jiġu mnaqqsa.

Biex isiru korrezzjonijiet li jikkonċernaw in-nitroġenu ta' oriġini estranea (N_x), huwa bżonnjuż li tkun magħrufa l-kwantità ta' kull ingredjent li fih in-nitroġenu u l-kontenut ta' nitroġenu ta' dawn l-ingredjenti. It-tabella li ġejja turi l-kontenut medju ta' nitroġenu f'numru ta' ingredjenti li fihom in-nitroġenu li jistgħu jkunu preżenti fil-preparazzjonijiet jew priżervi ta' laħam.

Prodotti li mhumiex tal-laħam	Perċentwali ta' Nitroġenu
Rusk	2,0
Casein	15,8
Sodju caseinate	14,8
Proteini Soya isolate	14,5
Proteini ta' textured soya	8,0
Dqiq Soya	8,0
Mono sodju glutamate (MSG)	8,3
Kliewi taċ-ċanga	2,7
Ilsien taċ-ċanga	3,0

Fir-rigward tar-ripetizzjoni tal-metodi ta' analiżi, riferenza għandha ssir għall-istandards ta' l-ISO msemmija hawn fuq.

Ir-riżultat li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-medja ta' mill-inqas żewġ determinazzjonijiet.